9 Leġiżlatura

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar numru 5, miżmuma nhar it-Tnejn 26 t' Awwissu 2019 fis-6.00pm ta' fil-għaxija, ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar.**

Il-Laqgħa bdiet fis-sitta ta' filgħaxija.

---

Membri Preżenti:

| | |
|---|---|
| • Alfred Grima | Sindku |
| • Daryl Connor | Viċi Sindku |
| • Graziella Galea | Kunsillier |
| • Anne Marie Fenech | Kunsillier |
| • Carlos Zarb | Kunsillier |
| • Mario Joseph Salerno | Kunsillier |
| • Anthony Delia | Kunsillier |
| • Alfred Bray | Kunsillier |
| • Paul Bugeja | Kunsillier |
| • Stephen Cremona | Kunsillier |
| • Anthony Angelo Attard | Kunsillier |
| • Christopher Vella Petroni | Kunsillier |
| • Antoinette Bezzina | Kunsillier |

Segretarju Eżekuttiv – Mariella Strout

**5.1 Qari ta' ittri ta' apoloġij**

Ma kien hemm l-ebda ittra ta' apologija

**5.2 Kunsiderazzjoni ta' minuti – Laqgħa Numri (03) (04 urgenti)**

**Laqgħa Numru 3**

**Paġna 2** – e) – Jiżdied – Il-Kunsilliera Graziella Galea ħejjiet l-applikazzjoni.
**Paġna 5 – Item 3.6.2** – Ghal mistoqsi jekk huwiex permessibbli li jinkitbu l-ismijiet tal-impjegati fil-minuti, kien hemm qbil li tintalab direzzjoni.

Minuti approvati hekk kif emendadti.

**Laqgħa Numru 4**

Pagna 1- Il-Laqgħa bdiet fis-06.00pm mhux fil- 05.30pm.
Pagna 1- Il-Kunsillier Stephen Cremona kien assenti għal laqgħa.
Paġna 2 – Wara l-Kunsillier Bray jiżdiedu l-kliem 'iltaqgħu miegħu'
Paġna 2 – Jizdied li s Sindku irrimarka li Ms. Strout ma kinitx preżenti il-Kunsill.
Paġna 2 – Jizdied li l-Kunsilliera Anne Fenech ma kinietx prezenti għal intervisti.

Minuti approvati hekk kif emendadti.

**5.3 Punti mill-minuti**

Ir-Responsabiltajiet tal-Kunsilliera – Intbagħtet imejl indirizzata lis-Sindku li ġiet imwieġba. Inqrat imejl li intbaghtet mil-Avukat lill-minoranza.
Wara diskussjoni kien hemm qbil li r-responsabiltajiet jigu aċċetati minn kull kunsillier hekk kif prezentati mis-Sindku fit-tieni laqgha. Bis-Sindku jirtiera temporanjament il-kariga "Komunitajiet" sakemm jinstab qbil.

Re-Care Project ghandu jigi mistharreg fiex waslet l-applikazzjoni.

Karnival – Gie suggeriet li l-kunsill jibaght il-kondoljanzi lill-familja ta' Jean Paul Bonnett inkluz li jintbaght bukket fjuri bħala turija ta' rispett.

Re-Awditjar Finanzjarju il-kunsill esiga li dan isir fl-inqas zmien.

**5.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**Il-Kunsilliera Stephen Cremona daħal għal laqgħa fis-18.38.**

a) Ittra ta' riżenja – Il-kunsill gie notifik bir-rizenja ta' skrivan li kien ghadu kif beda minhabba li sab xoghol iehor.

b) Giormina Blood Donation Unit – Is-Sibt 30 t'Awwissu 2019 il-Blood Bank Unit se ikun faċċata ta' Ġiormina. Il-Kunsill approva.

c) European week of Regions – Inqrat l-informazzjoni. Il-Viċi Sindku wera l-interess li jattendi.

d) Problemi ta' plastik – Il-kunsill approva inizjattiva biex jinġabar l-plastik ġo kontenituri forom diversi. Gie suggeriet li jigi kkuntatjat l-Institute for Creative Arts.

e) Catholic Revival Movement – Ma kienx hemm qbil dwar l-applikazzjoni biesx issir Healing Services open air fejn it-Torri ta' Wignacourt.

f) Arkafort Agreement – Il-Kunsill ġie informat li n-networking tas-sistema tat-telefon qeda tiġi mħallsa mir-Reġjun u dan sar minghajr l-approvazzjoni tal-Kunsill. Ġie deciz li possibilment servizz simili jinxtraw minghand kumpanija waħda. Il-Kunsill qabel

g) Bad Boy Cleaners – Il-Kunsill irċieva statement bl-ammont ta' €4163 li l-hlas tieghu ma kienx ġie approvat fil-legizlatura ta' qabel. Ġie deciz li d-Dipartiment jiġi informat bil-kont pendenti biex jgħati gwida lil-Kunsill. Kien hemm qbil

**5.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Intalbet kjarifika rigward xi diskors li ntqal f'imejl. Id-diskors ġie ċċarat u r-risposta giet accettata minn min ghamel id-domanda.

Ghal mistoqsija relatata ma hlassijiet li dahhal il-kunsill mill-hoarding, giet preżentata l-informazzjoni mehtiega.

2017 thallsu € 419,40
2018 thallsu € 10,618.30
2019 thallsu € 4.66 (sa 30 ta' Gunju 2019).

**5.6 Rapporti / jew Approvazzjonijiet ta' Rapporti –**

**5.6.1 Rapporti ta' Intervisti - Reklutaġġ ta' Ħaddiema**

Inqara r-rapport tal-ingaġġ ta' Ħaddiema interview Nr. 2. Ġiet sospiża l-laqgħa sabiex issir diskussjoni. Il-Kunsill approva unanimament ir-rapport li ġie prezentat.

**5.6.2 Rapporti ta' Evalwazzjoni – SPB T/01/2019 u SPB T/02/2019**

**SPB T/01/2019 – Servizz ta' Knies fil-lokalita.**

Inqara r-rapport re-sejha ghal offerti SPB T/01/2019. Giet sospiza l-laqgha sabiex issir diskussjoni. Hareg li hemm diversi fatturi li juru li l-htigijiet u l-interessi tal-lokalita mhux se jigu mharsa jekk il-kunsill japprova r-rapport hekk kif prezentat. Mozzjoni li "*theggeg li l-kunsill ma japprovax ir-rapport"* imressqa mill-kunsillier Paul Bugeja sekondata mill-kunsillier Alfred Bray sabet l-appogg tal-maggoranza tal-kunsilliera prezenti. It-tieħed Vot fuq il-mozzjoni biex il Kunsill ma jopprovax ir -rapport ta' evalwazjoni SPB T/01/2019

**Favur**: 8
**Astensjonijiet**: 5
**Kontra**: 0

**SPB T/02/2019 – Servizz ta' Tindif u Manteniment ta' Latrini Pubblici**

Inqara r-rapport re-sejha ghal offerti SPB T/02/2019. Giet sospiza l-laqgha sabiex issir diskussjoni. Il-Kunsill approva ir-rapport.

**5.7 Item: Rifuzjoni ta'spejjes relatat ma zjara ufficjali f'Cipru**

Il-Kunsilliera Anne Marie Fenech iddikjarat kunflitt t'interess u qamet minn mal-mejda. Mozzjoni li theggeg "li l-kunsill japprova r-rifuzjoni ta' l-ispejjez marbuta maz-zjara ufficjali f'Cipru" imressqa mill-Kunsillier Paul Bugeja u sekondata mill-Kunsillier Carlos Zarb sabet l-appogg tal-maggoranza tal-kunsilliera prezenti. It-tieħed Vot relatat ma rifuzjoni ta' spejjes zjara ufficjali f'Cipru

**Favur**: 7
**Astensjonijiet**: 0
**Kontra**: 5

**5.8 Item: Ftuħ ta' *Open Gym* fi Gnien Olimpiku; *Restoration of the pill box, The placing of the stolen head of the father of Olympics, To create a safe area for toddlers at the Millenium Garden***

Il-Kunsill approva

**5.9 Item: Manutenzjoni tal-*Open Gym* li hemm vicin l'Aquarium**

Il-Kunsill approva hrug ta' kwotazzjoni.

**5.10 Item: Attivitajiet – Budget**

Il-kunsill approva bagit ta' € 40,000 ghal lista ta' attivitajiet imressqa mill-Vici Sindku li mistennija isiru matul ix-xhur li gejjin:

Settembru 2019 – Attivita ta' Folklor
Settembru 2019 – Wine & Fish Fest
Ottubru 2019 – Festa tan-naħal
Novembru 2019 – Attivita' tal-Baqar
Diċembru 2019 – Christmas Village
Mejju 2020 – Wignacourt Festival
Ġunju 2020 – Festa Burmarrad
Lulju 2020 – Festival

Il-Kunsilliera responsabbli mil-anzjani nformat dwar il-ħarġiet ta' kull xahar;

30 ta' Settembru 2019 - ħarġa fuq il-Daghjsa, Quddies, The Point.
25 t'Ottubru 2019 - ħarġa l-Maediterranean Marine Park, ikla.

Gie approvat li l-anzjani b'ID Card fuq San Pawl il-Bahar jinghataw preferenza ghal dawn il-hargiet kif ukoll sussidju fuq il-prezz tat-trasport li ghalih se ihallsu €2.00. Għal fini ta' accounts huwa rikjest li jitnizlu ċar bħala sussidju.

Il-laqgha kellha tispicca fid-9pm, biss apparti il-Kunsllier Mario Salerno u l-Kunsilliera Anne Marie Fenech li kellhom impenji ohra, kien hemm qbil li l-laqgha titkompla b'nofs siegha.

**5.11 Item: Blues Ltd**

Ġie propost li tintbgħat ittra bl-Avukat lil Blues Ltd sabiex il-kumpanija thallas il-kontijiet pendenti mmedjatament. Fin-nuqqas li dan isehh, l-avukat jintalab jipprocedi bil-passi kollha neċessarji. Il-Kunsill qabel.

**5.12 Item: Local Council APP**

Il-Kunsillier Carlos Zarb ippropona u Sindku is-sekonda fejn inagħtat ftit informazjoni dwar x'benefiċji għandha il-Local Council App u kif tista tkun ta' għajnuna għal-Kunsill. Din l-app normalment tiswa lill-Kunsill madwar l-€1000. Il- Kunsill approva.

**5.13 Item: Sea Bins**

Il-Kunsill qabel li jsir kuntatt mal-Kumpanija Sea Bins ghas-suggeriment taghhom fid-dawl ta' problemi ghall-provista ta' elektriku. Post maghzul Bugibba Jetty.

**5.14 Item: Ambaxxatur ta'Zgħazagħ**

Il-Kunsill approvat il-hatra ta' Shakira Grace Camilleri bhala l-Ambaxxatriċi taż-żgħażagħ f'din il-leġislatura.

**5.15 Item: Kumittat Zgħazagħ**

Il-Kunsill ġie nformat li l-Kumitat Żgħażagħ ser jorganizzaw ativita ta' clean up mifruxa fuq hmistax il-ġurnata fejn kulħadd huwa mistieden jipparteċipa. Il-Kunsillier responsabbli spjega li ser jittieħdu ritratti qabel kif wkoll wara t-tindif. Huwa ssuggerixxa li ssir kompetizzjoni fejn minn jiġbor l-aktar ammont ta' skart jingħata voucher. Il-Kunsill approva l-attivita , dwar il-vouchers ma kienx hemm qbil u ghalhekk wiehed irid jiddiskuti..

**5.17 Approvazzjoni ta' kontijiet u xiri ta' oġġetti/servizzi.**

Re-pagament 695 – Kien hemm qbil li dan il-pagament jithallas biss wara li l-Ex Sindku Anne Fenech tivverifika dawn ix-xogholijiet. Il-kumplament ta' l-iskeda giet approvata.

**5.16 Item: Bord ta' Attivitajiet Fizici**

Chairperson – Carlos Zarb
Membri Joseph Vella
Chris Vella Petroni
Shakira Grace Camilleri
Noel Mifsud
Michael Mizzi
Josef Vincenti

**5.19 Aġġornament għall-laqgħa li jmiss**

Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 30 ta' Settembru 2019

| | |
|---|---|
| <IFFIRMATA> | <IFFIRMATA> |
| Alfred Grima | Mariella Strout |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |